# IL HABIB

Joħroġ cull nhar ta ħamis, barra minn ħamis ix-Xirca u Labsi.—L'imsieħbin ta Malta u Għaŭdex jisŭielhom, bil Posta b'collox, tliet xelini fis-sena, li jistghu jitħallsu xelin cull erba' xhur, bil-kuddiem. Ta Barra, jisŭielhom xelin actar fis-sena u jaħtieġ iħallsu ghall'inkas bis-sitt xhur fuk.—Min ma javżax xahar kabel taghlaklu is-sena, jirtabat ghal oħra.—Ebda chitba li tasal f 'idejn id-Direttur ma tarġa tirtadd l'ura.

Imżeŭŭak b'cull xorta ta daŭl, ta taghlim, ta aħbarijet u ta moghdija taż-żmien: imma dejjem nisrani u *ħabib tal-kalb.*

Proprietarju: il *Cumitat tal Ghakda tal Apostolat tat-Talb*, li kankal u sejjer imexxi dan il kari tajjeb, ghall gid tal Maltin.

Direttur: is-Sur Ġużè Muscat-Azzopardi (strada santa Lucija, numru 89.)

Amministratur: is-Sur Dŭardu Galea(str.Cristoforu,numru 174).

Stamperija: *G. Muscat* (strada sant'Orsla, numru 213).

L' EŬŬEL SENA. IL ĦAMIS, 21 TA MARZU, 1912. NRU. 8.


*Inbiercu b' kalbna collha il HABIB, gażetta bil Malti, u nirriccmandaŭħ lir-Reverendi Cappillani, biex ixerrduħ kalb l'insara tal Parrocci taħħom, ghax nistenneŭ minnu gid cbir.*

*Mil Belt, fid-19 ta Jannar, 1912.*

† P. ARICSKOF U ISKOF.

## San Giusepp.

Micdud min-nirien tal imħabba t'Alla, ix-Xûejjaħ, b'rasu mitluka fuk sider Gesù u b'Marija imħassra ma genbu, ħarget-ruħu ma daħca ta hena tal Genna li dehret fuk xuftejħ. B'dic il kdusija collha ma dûaru, telak minn din id-dinja minghajr ma ghad-dielu, f'dic is-siegha li cull-ħadd jibża minnha, ebda ħsieb ta nichet u ta dieka.

Ma nafu xejn fuk ċcunitu: u, barra minn dac li giet imnebbħa biħ is-Soru Emmerich fil *Viżjoni* li chellha, ftit ucoll nafu fuk ħajjtu. Imma, la chien maghżul mn' Alla biex icun il Gharus ta Marija u biex irabbi bħal ibnu il Feddej tad-dinja, chif nistghu ma nemmnux li chien moghni bi kdusija cbira? Biex jirtħeû f'idejħ il ġmiel u il ghaxka tas-Sema u l'art—Gesù u Marija; biex jindocra tajjeb dac it-tesor collu, chif indocraħ u ûasslu fejn chellu iûasslu; ma satax ma icunx hu ucoll tesor ta kdusija!

San Giusepp ghandu sehmu fil ħidma tal Fidûa taghna.

Mita dac ir-Ragel tas-sengha, dac il Haddiem fkajjar, ħarab lejn l'Egittu bil Mara mieghu, biex jeħles l'Ibnu mil killa tal chiefer Erodi, li ried maktulin it-trabi collha ta minn tliet snin l'isfel, min katt chien ighidilhom il Chittieba u il Fariżej—jigifieri il Ghorrief ta dac iż-żmien—li dac it-Tfajjel chellu icun il Feddej tad-dinja, is-Salvatur tal bniedmin collha, il Bidu tad-daûl u tal gid taghna? Imma Hu chien jafu, ghax tjubitu u kdusitu chienu akûa mil gherf taħħom.

San Giusepp chien il Cap ta dic il Familja 'Mkaddsa li ħelset mil ħruxija ta Erodi u chien Hu li mexxiha fid-desert u bata' ghaliha, sa chemm raha indocrata minn cull tiġrib tal ghedeûûa. Dic il Familja—Gesù, Marija u Giuseppi—chibret u tcattret daks il cûiecheb tas-Sema u daks ir-ramel tal baħar, ghax l'insara tad-dinja collha m'humiex ħlief Familja ûaħda, il Familja bla-tarf ta Cristu. U ghalhecc il Papa Piju Disgha, imnebbaħ mid-daûl t'Alla, ħtar il Patriarca San Giusepp bi Protettur tal Cnisja collha Cattolica.

Il Familja 'Mkaddsa, li ma chienetx ħlief ta tlieta min-nies—fkar, bla ghajnuna, imżebelħin minn cull-ħadd—rebħet il hemm collu tad-dinja, ghalbet il chefrija tal ħżiena, gholiet fuk cull-ħadd u saħansitra ghaccset il meût bil kaûma ta Gesù minn bejn li mtiet. Hecc ucoll, mela, bil ghajnuna tal Cap ta dic il Familja, il Cnisja Cattolica, li, bħalma ghedna, m'hix ħlief il Familja bla-kies ta Gesù Cristu, ghad taghleb il kerk tal maklubin u il chefrija tal ghedeûûa collha taħħa.

Jecc f'dan iż-żmien tal ħażen, li il ħrara tat-tajjbin tista' taraħ tûal ħafna, ghad li f'ghajnejn Alla m'hux ghajr żiffa riħ ghaddejja, naħbtu nid-dejjku mita nilmħu l'Erodijet u il Fariżej il ġodda kieghdin ifittxu li jircbuna, niftacru li ghandna biex jindocrana il Gharus bla 'mtiesef ta Marija: u nitolbuħ li, chif, mita giè maghżul biex jidher bħal Missier ta Gesù, fittex ħeles il Familja 'Mkaddsa tieghu mit-tiġrif u mil killa tal gheteûûa, hecc issa ifittex ikassar iż-żmien tat-takbida li fiha tinsab il Cnisja mal erûieħ mitlufa.

## Il Carità

Il chelma carità tfisser imħabba, u billi l'imħabba tista' tcun lejn Alla u lejn il proxxmu, ghalhecc meta nghidu carità nifmu tant il ŭaħda chemm ucoll l'oħra. Iżda l'użu actarx jati din il chelma lill'imħabba tal proxxmu u taħt dan il leŭn irridu illum nghidu chelmtejn fuk din is-sabiħa u cbira virtù kuddiem Alla u kuddiem il bniedmin.

Biż-żejjed ŭieħed jiftacar b'liema cliem Gesù Cristu, li stess ghajn tal imħabba, talab din il virtù mill'Appostli,mita kalilhom: Minn haŭn jagharfu il bniedmin li inthom dixipli tieghi, jecc tħobbu lil xulxin. Mill'ebda virtù oħra ma kal daŭn il chelmiet, inkas mill'istess verginità: ara chemm hi ghal kalbu din il virtù. U chif lè, jecc Hu niżel mis-Sema fl'art, ħà il gisem u sar bniedem, bata' u miet, mhux ghal ħaġ'oħra ħlief biex jaghmel aħŭa il bniedmin collha u jaghmilhom ħaġa ŭaħda, chif ħaġa ŭaħda fin-natura huma Gesù u il Missier Etern tieghu? L'imħabba tghakkad u issalva: il bruda, biex ma nghidux il mibgheda, tchisser u titlef.

Il Kaddisin jatuna l'esempju: minn minnhom ma xeghelx b'dan in-nar sabiħ, kaŭŭi u tal-ghageb? San Paŭl, biex insemmu ŭieħed biss, chien jixtiek icun collox, saħansitra misħut, ghall'imħabba ta ħutu, jigifieri il proxxmu tieghu.

In-natura, però, tokmos kuddiem din il virtù u bosta drabi ninseŭ il cliem u il ghamil ta Gesù Cristu, ninseŭ l'esempji tal Kaddisin u ma 'nfittxux ħlief il gid taghna, minghajr ma nittiefsu ghall'oħrajn. Chiecu ma chienx hecc, ma conniex naraŭ tant ghacs u bichi fiż-żmienijet taghna li bħalhom ma rajna katt. Il ghonja ma naksux ghalcollox minn Malta u inkas naksu in-nies tal ghakal, tal gherf, tal ħila. Iżda chemm huma daŭc illi iħossu tas-seŭ fuk it-tbatija ta ħuthom? Araŭ chemm nakksu mix-xalar u mil lbies taħħom; araŭ chemm tkanklu biex jaraŭ x'jistghu jaghmlu ghal ħuthom, u tcunu tafu. Cliem, ħafna cliem u moghdrija taparsi, u xejn iżjed. Alla iħares ma chienetx il Cnisja, li bis-Societajjet taħħa taghmel chemm tista'; u, meta ma tistax bil flus, tghin bil ħeġġa, u bit-tħabric, u bit-talb, u b'collox, ghal min hu fil bżonn, ghaliex chiecu ħadd ma iżomm l'eccessi illi jistghu iŭasslu fihom il ghacs u it-tbatija, specialment tal baxx, li ma jifhimx ir-raġuni. Nghinu, ghalhecc, almenu lil daŭn is-Societajjet, ghaliex il ftit f'idejhom isir ħafna, chif il ħames ħobżiet u it-tliet ħutiet tcattru f'idejn Gesù u xebbghu eluf ta nies. Liema huma daŭn ma hemmx bżonn nghidu, ghaliex cull-ħadd jafhom seŭŭa is-Societajjet tal Carità. Nghidu biss li min jaghmel carità ma ħutu, jaghmilha ma Gesù stess; u ta cull ħabba li natu biex nghinu lill'oħrajn, Gesù jatina mit darba iżjed fis-Sema, li hu ir-renju tal carità eterna.

M. P. G.

## L' Emigrazzjoni

Gejna nafu li daŭn il ġranet 21 Malti siefru ghal New-Orleans, biex, imbaghad, jibkghu sejjrin ghall Californja. Minn daŭn il 21 hemm żeŭġ nisa u tarbija, ghax żŭieġhom jinsabu hemm ilhom bosta xhur.

Ghandna ŭisk pjacir nghidu li f'*San Brunu* fil Belt ta *San Frangiscu*, fil Californja, hemm colonja maltija li tghodd fuk

3. Ghaliex f'Hadd Lażżru jitghatteŭ l'Inqŭatri?

4. Xi ifisser Hadd iż-żebbuġ jeŭ il Palm?

5. Ghala l'aħħar gimgha tar-Randan ighidulha il Cbira?

6. Xi ifisser Hamis ix-Xirca?

7. Ghala nhar il Gimgha il Cbira jinchixef is-Salib biss fil Cnejjes?

8. Ghala mil Hamis sa 's-Sibt tal Gimgha il Cbira ma idokkux kniepel?

9. Xi ifissru il visti tas-Sepulcri?

10. Ghaliex is-Sibt tal Gimgha il Cbira jissejjaħ il *Ghid*?

M. P. G.

## Ma dûar il Gzira

—Li Stampatur, fl'aħħar ħarġa, kabeż ŭieħed min-nies tal *Cumitat tal Ghakda tal Appostulat tat-Talb*, bla ma 'ntbaħna xejn, u la aħna u inkas hu. Hallejna barra is-Sur Neguzjant John Apap, li kiegħed jaħdem ferm ghax-*Xirca Cattolica*: u ghal-hecc nitolbuħ scuża ta dan li żball.

—Fuk dan il Cumitat, ŭieħed mill' imsieħbin tal Furiana baghat jistaksina jecc ghandniex *President Onurarju* u jecc ghandna jistax icun jaf min hu. Iva, ghandna: il *President-Onurarju* taghna hu il Cap tal Cnisja ta Malta—Monsinjur Arci-Iskof, li mhux biss ghoġbu jatina dan l'onur collu, imma saħansitra niżżel ismu b'idejh stess bħala *Socju contribuenti* tax-Xirca Cattolica. Ma gibniex ismu f'ras il Cumitat ghal t'apposta, ghax aħna ridna insemmu biss daŭc li ŭieħed jista' imur jinchiteb ghandhom.

—Inħabbru b'kalbna collha li ghall ħabta tal Ghid li gejj sejjra issir *Esibizzjoni* (*Ŭirja*) sabiħa tax-xoghlijet collha—ħjata, bizzilli, raccmijet u ħŭejjeġ hecc—li saru f'li Schejjel *Elementari* tal Gvern, Malta u Ghaŭdex, f'daŭn l'aħħar tliet snin. Din il Ŭirja tcun, bħal dari, fis-sŭali ta fejn chienet li Scola 'msejjħa tal ħabs—Strada Cristoforo, il-Belt; u iddum miftuħa tliet ti jem. Id-dħul b'xejn. Smajna li icun hemm bosta xoghlijet (komos, kliezet, dbielet u ħŭejjeġ oħra meħtieġa) maħdumin sabiħ u b'materjal tajjeb, li jinbieghu b'irħis ferm u ighoddu ghal cull-ħadd. Nirriccmandaŭ lill karrejja tal *Habib* li jittaŭŭlu titŭila sa hemm, ghax, barra milli jakblilhom sgur li jixtru, jieħdu gost jaraŭ u f'li stess ħin jaghmlu opra tajjba.

—Niżżu-ħajr lid-Direttur tad-*Devot ta Maria*—kari malti ta cull xahar, li joħroġ Ghaŭdex—mil bidla li ghoġbu jaghmlilna mal *Habib*. Dan il kari tajjeb u sabiħ miexi fil ħamsa-u-ghoxrin sena u hu maghruf minn cull-ħadd. Id-devoti tal *Madonna ta Pinu* ighożżuħ, bir-raġun collu, bħal biċċa minn kalbhom.

—Dac li takraŭ f'din il ħarġa fuk il *Bidu ta li Stampa* chitbitu Sinjurina mill' actar ghônja u rispettabbli li haŭn il-Belt: u Sinjurina oħra, li bħalha taf ucoll iżżomm il pinna f'idha u tħobb taħdem ghall gid ta Malta, kieghda tlestilna xoghol sabiħ fuk l'*Arazzi ta San Ġŭann*. Minn daŭn is-Sinjurini, sôdi fl'imgiba taħħom u imħarrgin fit-taghlim u fit-tieba minn mindu chienu ghadhom żaghżaħ—minn daŭn is Sinjurini, dejjem kuddiem nett fil ġbir ghall fokra, fil Cumitati tal *Carità*, fil *Conferenzi* ghad-daŭl tal Poplu u ghall gieħ tal Gżira—minn daŭn is-Sinjurini ghandna bżonn, mhux minn daŭc il ħafna zinzilli, taparsi educati la moda, li gherfhom collu jicconsisti f'min jidher l'actar tiela u nieżel ma *Strada Rjali* u f'min jilbes l'actar imkaċċat u ilellex! Is-Sinjurina *A. S.* ma tatniex is-sensja li 'ngibu isimha, chif conna nixtieku: imma nistghu nghidu li daŭn iż-żeŭġ ittri huma tas-seŭ daŭc li bihom jibdeŭ isimha u cunjomha.

—Gibna dac li chitbilna is-Sur L. S. P., l'eŭŭel nett, ghax nafu x'ragel hu; u, imbaghd, biex, f'ħaġa li tmiss il jedd ta ħafna nies, ma naghalkux il bieb f'ŭiċċ min ma nakblux mieghu ghal-collox. Hemm ucoll daŭc li, biex joħorġu minn *Ŭied-incita*, irid jaghmel tajjeb xi ħadd ghalihom: daŭn is-Sur L. S. P. ma semmihom xejn: imma aħna fuk din il praspura—fuk din biss—irridu nghidu il fehma taghna. Min joħroġ minn hemm, jeŭ icun imfejjak ghal collox jeŭ il mard tieghu ma icunx ta periclu ghaliħ in-nifsu u ghall'oħrajn: mela, jecc icun imfejjak ghal-collox, ghandu joħroġ bil ibertà tieghu collha u minghajr ebda garanzija, bħalma joħorġu il morda 'mfejjkin mil li Sptarijet l'oħra tal Gvern, ghax *Ŭied-incita* m'hux ħlief Sptar ghall mard tal moħħ. U l'oħrajn li joħorġu ghadhom fit morda, imma mhux b'mard ta periclu ghalihom infushom u ghan-nies, ghal-fejn iridu jaghmlulhom tajjeb? Jeŭ huma periculusi jeŭ m'humiex: jecc huma periculusi, jinżammu hemm geŭŭa; u jecc m'humiex, ghandhom il jedd tal libertà taħħom collha, bħal cull xorta ta morda oħra. Illum tajna biss il ħjel ta chif naħsbuha fuk din il ħaġa: forsi, xi darb'oħra nerġghu nitchellmu.

—L'erba' kniepel li saru Milanu ghall Cnisja il ġdida tal Marsa, ŭaslu Malta daŭn il ġranet: u is-Sur Ŭenzu Balbi, li kiegħed jibni u ighammar b'collox dic il Cnisja cbira minn butu, baghathom malajr f'posthom, fejn, bis-schiet collu, geŭ imbierchin mil Vigarju tal Iskof u eżaminati mis-Surmastrijet Nani, Bartoli, Fiamingu u Carabott. In-nies bdeŭ jingemghu ktajja-ktajja minn daŭc l'inħaŭi collha, malli semghuhom idokku, ghax irnexxeŭ tas-seŭ ta leħen ħelu u li jakbel.

—L'Iskof ta Ghaŭdex, Monsinjur Camilleri, Patri Majjistru tal Agustinjani, li bil ghert u il ħrara tieghu jaghmel onur lill Malta u lill Gemgha tal Iskfijet tal Cnisja Cattolica, ghalak sninu (69) daŭn il ġranet: Alla iseddku ghal żmien tŭil, biex ħutna ta Ghaŭdex isaħħu dejjem fil gid ta ruħhom.

—Il ghażla tal ischejjel fejn nibaghtu l'uliedna hi ħaġa ta rekka cbira u min ma jifhemx biż-żejjed jaghmel tajjeb li jieħu parir minn ħadd ieħor, minn xi missier, jeŭ xi sacerdot, jeŭ xi ruħ tajjba: nafu x'kieghdin nghidu u darb'oħra nitchellmu fit-tul fuk din il ħaġa. Aħna diġà irriccmandajna xi Scola oħra: u illum irridu insemmu ucoll dic tas Sur Carlu Ŭigi Borġ, strada Due Porte, 189, l'Isla, fejn, ma cull xorta ta taghlim tajjeb ghall moħħ u ghall kalb, jitfittex ucoll is-sehem tar ruħ. Mhux cull-imchien issir hecc.

—Il Holkien tas-Sur Vassall, it-*Tŭissijet fuk is-saħħa* tal Curunell Manchè u ir-*Rumanz* ghal darb'oħra: u maħħom, imħabba in-nukkaş tal ŭisa, icollna inħallu ucoll in-*Naħal fuk il ŭard* u l'*Aħbarijet ta barra*.

—Din il gimgha, ħareġ il Papas tax-*Xismatici* bi Viatcu sollenni—ħaġa li ma chienet katt u li giebet ŭisk tghemghim, ghax mhux, billi l'Inghilterra tàt, sitt snin ilu, inchejja fina, il *libertà ta culti*, chellhom icunu il Grieghi li japprofittaŭ-irŭieħhom l'eŭŭel nies: imma fuk din il *libertà tal culti* nitchellmu il gimgha id-dieħla.

—Ir-Rev. Dun Ġŭann Mamu, li semmejna fl'aħħar ħarġa taghna, mhux cuntent bil ħidma li kieghda tatiħ id-Dar ghat-taghlim tad-Dutrina li fetaħ Raħal-ġdid u li kiegħed jaghmel gid cbir biha: irid ighinna ucoll fil *Habib*. M'illum il-kuddiem, min irid jixtri il gażetta taghna, jista' imur ghandu.

—Min irid jaghmel *Offerta* ghall Botteghin taċ-Circlu tax-*Xirca Cattolica*, imur jitchellem mas-Segretarju tal Cumitat (Salita Crocefisso, numru *ŭieħed*, ix-Xatt tal Belt).

## LI TIŻRA TAHSAD.

Min ma samax li, bħal 'illum tmin ti jem, fit-8 ta fil-ghodŭ, ir-Re tal Italja Vittorju Emanŭeli chif chien sejjer, bir-Regina Elena mieghu, f'carozza maghluka, mil Palazz tal Qŭirinal (fejn jokghod, Ruma) ghall Pantheon (il Cnisja fejn hu midfun Missieru Umbertu,) biex jisma' kuddiesa ghal ruħu, sparaŭ ghaliħ b'żeŭġ ballal (chien hemm min kal tlieta) ta revolver!...

F'ħajjet Alla, ma laktuħx: u cull ħadd ferah li ma ġralu xejn, u tcanta it-*Te Deum* f'bosta Cnejjes, u saru *Dimostrazzjonijet* cbar mis-Senat, mil Parlament u mil Poplu tal Italja collha, u ŭaslu Ruma telegrammi ta ferħ mir-Rejjet u mil Ministri ta bosta Nazzjonijet, u cull-ħadd staghgeb bil curaġġ tar-Re li, chif ħeles b'miraclu mil meŭt, baka' sejjer il Cnisja jisma' il kuddiesa ghar-ruħ Missieru u imbaghad laka' fil Palazz tieghu il Cbarat ta cull leŭn u saħansitra il Bennejja (li marru jipprotestaŭ-ruħhom contra dac li sparalu, ghax inzerta bennejj bħalhom), minghajr ma ŭira-ruħu xejn maktuħ u imbażża.

Nifirħulu aħna ucoll, mad-dinja collha: u jiddispjacina ferm ghal dac li ġralu, bħalma iddispjacihom il Papà u is-Segretarju tieghu, malli semghu b'dic l'aħbar cherha.

Imma l'*aħjar chelma*, fost dac collu li intkal mil Capijet u mil Poplu f'daŭn it-tmin ti jem, ħarget minn fomm ir-Regina Elena: *Naraŭ x'naghmlu* (kalet lil ŭieħed mil Ministri) *b'daŭn il ħafna tfal, li, mitlukin ghar-rashom, jithassru u jixteħtu ghad-delitti!* U hecc hu! Bla Salib f'li Schejjel u bla taghlim tad-*Dutrina Cattolica*, bil ġuerra mal Cnisja u mas-Sacerdoti, bis-Sindcu ta Ruma mażun u lhudi, bil gażetti ighallmu cull xorta ta ħażen u iżebilħu saħansitra l'isem imkaddes t'Alla, x'tistenna? Dac li tiżra, taħsad! Toni D'Alba, bennejj ta 20 sena, ghad li, chif ighidu, bin nies tajjba, sab min jiġbdu f'din li Scola: u, bla Religjon, bla gieħ, bla mistħija, ghodda ŭaħda fettillu jispara ghar-Re tieghu!

## Risposta.

Stakseŭna chemm huma il culuri li jista' icollha il *Pianeta* fil Kuddiesa, u x'ifisser cull ŭieħed minnhom. Jiddispjacina li ma stajniex natu risposta fin-numru li ghadda, ghaliex ma chelniex żmien; u ghal-hecc fittixna li ma nonksux din id-darba.

Il *Pianeta* fil Kuddiesa tista' tcun ta ħames culuri, jigifieri: *Bajda*, *Hamra*, *Hadra*, *Viola* u *Seŭda*.

Il *Bajda* tigi milbusa fil festi ta Sidna Gesù bħala sinjal ta ferħ u ta glorja; fil festi tal Madonna, tal Kaddisin Confessuri, tal Verġni u tal oħrajn li m'humiex Martri, ghall bjuda u l'indafa li gharfu iżommu f'ruħhom ma tul ħajjithom u b'sinjal tal hena ta-dejjem li kieghdin igaŭdu fis Sema. Infatti, l'Evangelista San Ġŭann, fil viżjoni li chellu fil gżira ta Patmos, rà fost il ħŭejjeġ l'oħra il Kaddisin liebsin li *Stoli bojod*.

Il *Hamra* tiltibes fil ġranet ta *Ghid il Hamsin*, biex tfisser l'ilsna tan-nar, li fihom li Spirtu is-Santu deher fiċ-Cenaclu ta Sijon u mela l'Appostli bid-doni tieghu u fost l'oħrajn bid-don tal ilsna li bihom setghu jitchellmu mal popli collha u jiftehmu ma cull-ħadd fix-xandir tal Evangelju imkaddes. Il culur

*Aħmar* hu użat ucoll fil festi tas-Salib u tal Kaddisin Martri 'mħabba id-demm li Sidna Gesù xerred għall fidŭa tal binedmin u il Martri ċarċru ŭara l'esempiu ta li Mgħallem Divin, għall fidi nisranija. Għalhecc taraŭ li fil festi tat-tŭielid ta San Ġŭann(fl' 24 ta ġunju), tal Conversjoni ta San Paŭl u tat-tifchira tal Catedra ta San Pietru f'Antjochja u f'Ruma, il Cnisja tilbes l'abjad; fil ŭakt li fil festa ta ktieħ ir-ras ta San Ġŭann (fid-29 ta aŭissu) u fil festa ta San Pietru Paŭl (il martirju taħħom, fid-29 ta ġŭnju) il Cnisja iggib il paramenti ħomor.

*L'Aħdar* hu il culur tal *Pianeta* li tiltibes f'xi ġranet li jakgħu bejn l'Epifanija (il festa tat-Tre Re) sa'l Ħadd tas-Settŭageżima (tliet ġi-Ħdud kabel Ras ir-Randan)u bejn Għid il Ħamsin sa'l Avvent; għaliex il culur *Aħdar* jigi fit-triek tan-nofs bejn il culuri l'oħra, jiġifieri u la juri ferħ cbir bħall *Abjad*, u la trionfi u rebħ bħall *Aħmar*, u inkas penitenza u bichi bħall *Viola* u l'*Isŭed*: imma hua jaksam mal ŭieħed u mal ieħor, fil ŭakt li jurina it-*tama* tan-nisrani fil migja ta Gesù Cristu kabel l'Avvent u fil fidŭa tal bniedmin minn Gesù Cristu kabel ir-Randan. Minn haŭn tifhmu li il *Pianeta Ħadra* tigi milbusa fi żmienjet ta nofs sollennità inchella meta fil ġurnata ma 'ssir festa lill'ebda Kaddis u tal ebda Misteru, imm' inkas icun jum ta vistu u penitenza.

Il *Viola* li hu culur qŭasi mitfi u ta chula li tigi mit-tgħacchis u mit-tkattiħ il-laħam jixrak fil ġranet u il Ħdud tal Avvent, tar-Randan u daŭc li huma imħollijin għall penitenza; jixrak ucoll fil processjonijet u f'xi benedizzjonjet li isiru b'sinjal ta penitenza; bħalma fil Kuddies tal Passjoni ta Cristu, imħabba id-dulur li din għandha tnissnilna fi klubna. Hecc ucoll il *Viola* tiltibes fl'*Innocenti* 'mħabba in-nichet tal ommijet, barra minn meta din il festa taka fil Ħadd għax f'dac iż-żmien il Ħadd hu jum ta ferħ cbir; u barra mill' *Ottava*, għax dac il jum ifisser il glorja li rebħu daŭc l'Innocenti biċ-ċarċir ta demmhom.

*L'Isŭed*, li hua ix-xebħ tal meŭt, li tiċħdilna id-daŭl tal ħajja u tcarcarna għaddlamijet tal kabar, jigi milbus fil *Gimgħa il cbira*, b'tifchira tal meŭt ta Sidna Gesù, meta saru dlamijet fuk collha chemm hu il ŭiċċ tad-dinja. Din il *Pianeta Seŭda* tintlibes ucoll fil Kuddies tal mejjtin, li ruħhom tcun kiegħda fid-dlam u fil pŭieni tal Purgatorju, u li għalihom il Cnisja titlob daŭl u mistrieħ ta dejjem.

Barra minn daŭn il *culuri* li semmejna, hemm ucoll il *culur celesti* (*ichal*)li il Cnisja tippermetti biss fil Cnejjes ta Spanja meta jitkaddes il Kuddies tal *Immaculata Cuncizzjoni* u lil xi Iskfijet oħrajn.

Il Pianeta tal *ħarir isfar* proprjament ma tfisser l'ebda culur u ma tistax tigi użàta, scond id-decisjoni tal Congregazzjoni tar-Riti, barra minn f'xi Cnejjes fkar u bil permess tal Iskof.

Hemm ucoll xi *Pianeti tal lama*. Daŭn jistgħu icunu jeŭ tad-deheb jeŭ tal *fidda*. Daŭc tad-deheb jistgħu jintlibsu minn f'loc il Pianeta bajda, ħamra u ħadra, u dana imħabba li huma prezjusi: imma katt minn f'loc il Viola u is-Seŭda, għaliex id-deheb ifisser festa u tgaŭdija, m'hux mortificazzjoni u meŭt. Daŭc, imbgħad, tal lama tal fidda jistgħu jingiebu biss f'loc il bajda. Dan li għedt fuk il Pianeti tal lama m'hux minn żniedi, imma poggjut collu fuk id-Decrieti 3145, 3191 u 3646, bħalma hu dac collu li għedna fuk.

Fl'aħħar-nett, issibu ucoll xi *Pianeti iffjurati*, u daŭn iservu biss għal dàc il culur li ictar jircaċċa fihom, b'mod li chif ŭieħed jara il Pianeta jista' jifhem il culur tal Kuddiesa. Daŭn il Pianeti chienu isiru dari biex iservu għall culuri collha fil Cnejjes fokra; imma illum,ŭara ħafna probizzjonijet tas-Sacra Congregazzjoni tar-Riti, ma iservux iżjed; barra minn meta l'Iskof, għax jara il veru bżonn, jati il permess li jużaŭhom sa chemm jintemmu, mingħajr ma jerġgħu isiru oħrajn ġodda.

Meta il Pianeta fiha il fjuri qŭasi ta culur ŭieħed jeŭ li jati f'culur ŭieħed, allura tista' isservi għal dac biss: u meta il fjuri icunu fuk fond ta culur ŭieħed, igħodd il culur tal fond u mhux tal fjuri. Almenu hecc nuzaŭ haŭn Malta fuk il Pianeti iffjurati: ma nilbsuhom katt għal culuri collha u għalhecc katt ma ipprojbiethom l'Aŭtorità Ecclesiastica.

DUN ĠŬANN.

## L'AĦĦAR AĦBAR.

L'Iskof ta Sira Duminc Darmanin sar Iskof ta Gorfù. Dan Malti bħalna. Nifirħu.

## "Redenta."

M'aħniex bil ħsieb li nitchellmu fuk it-*Teatri*, għax, għad li fihom infushom jistgħu icunu ta tagħlim u ta fejda, anzi għal hecc inħolku, hecc chienu fl'eŭŭel żmienijet taħħom u hecc imisshom icunu, illum kiegħdin jagħmlu il ħsara fl'erŭieħ, seŭŭa biż-żliek fuk il ħama tal biċċa il cbira ta daŭc li jictbu id-drammi u seŭŭa bl'imgiba mgħarrka, l'actar fil 'lbies, ta daŭc li imorru jaraŭhom. Imma pitgħada, fit-*Teatru Rjal*, sejjra issir opra ta ŭieħed Malti, li fukha irridu ngħidu xi ħaġa, jecc mhux bħala opra, għall'inkas bħala xogħol li jati gieħ lil pajjiżna.

Is-Sur Mast Carlu Fiamingu għandu fiddemm iż-żerriegħa tajjba, għax mhux biss missieru, il Professur Giorġ Fiamingu, hu ŭieħed mill'akŭa Mgħallmin tal Mużica, imma ħutu collha, subien u bniet, tista' tgħid li huma Professuri. U collha ucoll, bħalu, nies miġburin u mistura, li actar ma huma il kuddiem fil ħeġġa, actar iżommu ruħhom l'ura. Is-Sur Mast Carlu Fiamingu, iċ-ċchejchen fost ħutu, chiteb il musica tar-*Redenta*, opra b'żeŭġ atti, fuk *Librett* ta Chittieb taljan, Ŭigi Sbragia, li hu imsemmi fl'Italia għal din ix-xorta ta poeżija: u chitibha fil hemda ta daru, bid-dehen cbir li taħ Alla u mingħajr ma dakk it-tabar biha. Pitgħada, issir l'eŭŭel darba: u is-Sur mastrijet, maltin u taljani, li semgħu il cuncerti taħħa, chif ucoll il Cantanti li sejjrin jieħdu sehem fiha, kalulna li għandha togħgob, għax mhux biss li hi mictuba bil għerf collu tas-sengħa, imma il mużica taħħa ħelŭa, ġdida u minn dic li tinżamm fil ŭidna. Nifirħulu, mela, bħala Malti: u nifirħu lilna infusna, għax dan iż-żagħżuħ, umli u tal-ħeġġa, tŭajjeb u tal-ħila, sejjer jatina gieħ mal barranin li jisimgħu f'kasir żmien bl'opra tiegħu.

Mil Lucerna tal Ħajja—1. Jigi merfuħ fil glorja, min jiċċecchen; u jigi 'mcecchen, min igħolli-ruħu.

## LUCERNA TAL ĦAJJA.

B'dan l'isem—tas-seŭ misjub tajjeb—giet carta stampata f'idejna,li nixtiekuha imxerrda ma cull imchien u imdaħħla f'cull dar seŭŭa. Il *Lucerna tal ħajja* fiha 100 ħsieb ta vers il ŭieħed—tista' tgħid iccupjati mill' Evangelju—bin-numri mil ŭieħed sa 'l mija: *mil ħsieb* li, jecc ŭieħed iħarishom tajjeb, biżżejjed huma biex jiġbru id-dinja collha f'*Merħla ŭaħda* u taħt *Ragħaj ŭieħed*: u maħħom hemm din it-tŭissija: «Taħt din il *Lucerna* (jiġifieri taħt il carta stampata li għandha titŭaħħal mal ħajt) dendel caxxa żgħira bil poloz mil ŭieħed sa 'l mija: u arfa' ŭaħda cull jum: u akra' fejn juric in numru tal polza li tcun irfajt. La takra katt mingħajr ma tokgħod taħseb ftit fuk dac li juric in-numru (li messec) u rodd dejjem is-Salib kabel ma tmidd idec sabiex terfaħħa. Imbagħd, arga' itfa' il polza f'li stess caxxa.»

Din il *Lucerna tal ħajja* giet mgħoddija miċ-Censur tal Cnisja u stampata bil firma stess tal Iskof.

Aħna tħajjarna li daŭc il *mit ħsieb* ingibuhom ŭieħed-ŭieħed fil *Ħabib* u hecc il karrejja tagħna, f'loc ta cull jum, icollhom il *Caxxa ta cull gimgħa*. Min jogħġbuħ, mela, għandu m' illum il-kuddiem ifittixhom f'xi rocna tal gażetta.

Itolbu għar-ruħ il **Patri Majjistru Antonio Maria Hyzler**, li miet, fis-17 ta dan ixxahar, haŭn il-Belt, fil Cunvent tal Frangiscani, fejn chien *Definitur perpetŭu*, ŭara li chien actar minn darba *Provincjal*. Chellu 76 sena: u, barra milli chien ŭieħed mis-Sacerdoti l'actar għorrief, chien jaħdem bil ħrara għall gid tal erŭieħ. Chellu ħleŭŭa cbira, li biha chien jiġbed lil cull min ichellmu: u chien miżmum b'ragel ta min imur għandu biex ŭieħed jieħu parir tajjeb. Għax bosta snin Barra: u fihom mhux biss li għamel ħafna Qŭaresimali u Priedchi oħra tal impurtanza fl'acbar Cnejjes tal Italja, imma chien ucoll Cappillan Assisi,Padova (fil *Bażilica ta Sant'Antnin*) u Genŭa. Chien ucoll l'eŭŭel Cappillan tal Parroċċa ta *San-Paŭl-il-baħar*: u daŭc in-nies jafu x'igħidu għaliħ. Alla jatih il Genna: ħadem bil-kalb għaliha.

## MOGĦDIJA TAŻ-ŻMIEN.

### XARADA

1. Canun,
2. f'gisem tarbija:

ittir mal ajru il bkija.

### BLIET MOĦBIJA

Chemm il belt u liema taħbi din it-Tagħlima?

Il madmad rass: jena cont ili marsusa: iżda, miġbuda urajja, marru maħħa, igħidu b'aħbari.

Censinu.

L'aħħar Xaradi chienu:

I.

*Mu-s-bieħ*—musbieħ

II.

*Bu-deb-bus*—budebbus.

Giebuhom it-tnejn: mil Belt, is-Sinjuri Saver Sammut u G. Sciberras—mil Ħamrun, is-Sinjurina Giuseppa Mifsud-Bonnici u il Procuratur Legali A. Muscat— u mil Mosta, is-Sur Anthony Mercieca.

Giebu l'eŭŭel ŭaħda biss: mil Belt, is-Sinjura Giulja Schembri u l'Avucat Enricu Frendu Montanaru — u minn Bormla, Assŭeru Caruana.